**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 12 ta' Mejju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Shaunvic Felice**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Shaunvic Felice detentur tal-karta tal-identita' numru 12990(M) akkuzat talli nhar fl-1 ta' Marzu, 2014, ghall-habta ta' xi 2.30 ta' filghodu gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Saq vettura bil-mutur tal-ghamla Rover bin-numru ta' registrazzjoni CAG-383 b' manjiera traskurata, bla kont u perikoluza, bi ksur tal-Artiklu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65;

**2.** Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew kellu fil-kontroll tieghek vettura bil-mutur tal-ghamla Rover bin-numru ta' registrazzjoni CAG-383 matul il-perjodu illi kien skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan, bi ksur tal-Art. 59 tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta;

**3.** Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur tal-ghamla Rover bin-numru ta' registrazzjoni CAG-383 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura, bi ksur tal-Art. 15(1) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta;

**4.** Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur tal-ghamla Rover bin-numru ta' registrazzjoni CAG-383 minghajr ma' kien kopert b' polza tas-sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni, bi ksur tal-Art. 3 tal-Kap. 104 tal-ligijiet ta' Malta;

**5.** Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni FBL-245 ghad-dannu ta' Ryan Zarb u/jew ta' persuna/i ohra u kif ukoll hsarat fil-faccata tal-fond numru 334 sitwat gewwa Triq il-Kanun, Santa Venera ghad-dannu ta' Grace Zarb u/jew ta' persuni ohra, bi ksur tal-Art. 328(d) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, (Magt. Dr. A. Micallef Trigona LL.D) b' sentenza moghtija lilu fil-31 ta' Ottubru, 2011 mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqek mill-Qorti tal-Magistrati Malta fis-16 ta' Jannar, 2014 mill-Qorti tal-Magistrati Malta, (Magt. Dr. N. Camilleri LL.D), liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula, bi ksur ta' l-Artiklu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba illi tiskwalifika lil Shaunvic Felice milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 t' Awwissu, 2014 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw kollizzjoni bejn zewg vetturi li sehhet fl-1 ta' Marzu 2014 ghall-habta tas-2:30am f' Canon Road Santa Venera fejn iz-zewg vetturi kellhom hsarat konsiderevoli. Il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBL 245 kienet parkeggjata fl-imsemmija triq fejn kien joqghod sid il-vettura Ryan Zarb, filwaqt li l-vettura l-ohra CAG 383 kienet misjuqa minn persuna li wara rrizulta li kien l-imputat odjern. Ryan Zarb kien ipparkegga l-vettura tieghu ftit tal-hin qabel l-incident meta ommu semghat hoss qawwi u meta ttawlet mit-tieqa rat li vettura ohra kienet dahlet fil-vettura ta' binha u li l-istess vettura kellha hsara konsiderevoli. Meta Grace Zarb u binha Malcolm Zarb hargu fit-triq huma raw li kien hemm persuna fil-vettura CAG 383 qed jipprova jistartjaha sabiex jitlaq minn fuq il-post. Malli Zarb u ommu dahlu lura d-dar sabiex icemplu lil Pulizija s-sewwieq tal-vettura CAG 383 telaq minn fuq il-post bir-rigel u halla l-vettura hemm. Ghalhekk meta waslu l-Pulizija fuq il-post huma sabu z-zewg vetturi fuq il-post it-tnejn bi hsarat konsiderevoli fuq quddiem u lil Ryan Zarb fuq il-post. Meta saret ricerka dwar fuq min kienet registrata l-vettura CAG 383 irrizulta li din kienet registrata f' isem certu Kenneth Vella izda meta l-pulizija kkomunikaw ma' dan Vella huwa qalilhom li kien biegh il-vettura lil certu Shaunvic Felice, u cioe' l-imputat odjern. Inoltre Malcolm Zarb li kien jahdem bhala pump attendant f' pompa tal-petrol f' Hal-Qormi gharaf lis-sewwieq tal-vettura CAG 383 bhala Shaunvic Felice ghaliex dan kien mar jiehu l-petrol minghandu varji drabi. Meta l-pulizija rnexxielhom jirrintracjaw lill-imputat Shaunvic Felice huwa kkonferma li l-vettura CAG 383 kien xtraha minghand Kenneth Vella izda qal li ma kienx ghadu sar it-transfer relattiv. Huwa izda nnega li kien involut fl-incident de quo u sostna li fil-

hin in dizamina huwa kien Paceville ma' persuna ohra li ma xtaqx isemmi u li kien halla l-vettura parkeggjata quddiem id-dar ta' ommu u li ghalhekk xi hadd seta' hadlu l-vettura. Huwa izda ma ghamel ebda rapport dwar is-serq tal-vettura tieghu. L-imputat ikkonferma ukoll li huwa kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza. Il-vettura FBL 245 kellha hsarat ammontanti ghal €4055 (Dok MZ1) filwaqt li giet ukoll kagunata hsara fil-faccata tad-dar tal-familja Zarb fil-valur ta' €1,540 (Dok RV6).

Ikkunsidrat:

Illi Ryan Zarb[1], huh Malcolm Zarb[2] u ommhom Grace Zarb[3] ilkoll xehdu f' dawn il-proceduri fejn ikkonfermaw il-fatti kif kienu rrakuntawhom lil Pulizija meta ghamlu r-rapport u huma inoltre bil-gurament identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li kienu raw fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAG 383 immedjatament wara li sehh l-incident li jifforma l-mertu fil-kawza. Huma inoltre producew l-ircevuti jew stimi relattivi ghal hsarat kagunati fil-vettura u fil-faccata tad-dar taghhom (ara dokumenti nseriti a fol 30 u a fol 28 u 29) liema dokumenti gew debitament konfermati mill-persuni li harguhom (vide xhieda ta' Adrian Vella Petroni a fol 70 sa 71 u x-xhieda ta' Martin Fenech a fol 141 sa 144).

Illi l-imputat ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Gunju 2016 fejn rega' tenna l-verzjoni li kien ta a tempo vergine u cioe' li ma kienx huwa l-persuna li qed isuq il-vettura CAG 383 fid-data u hin ta' incident de quo ghaliex huwa kien qed jixrob Paceville ma' persuna li ma ndikax min hu jew min hi. Huwa qal ukoll li kien halla l-vettura parkeggjata hdejn id-dar ta' ommu u li meta rritorna ghand ommu ghall-

[1] Huwa xehed waqt l-udjenza tal-5 ta' Dicembru, 2014
[2] Huwa xehed waqt l-udjenza tas-16 t' Ottubru, 2014
[3] Hija xehdet waqt l-udjenza tas-16 t' Ottubru, 2014

habta tas-6am din qaltlu li kienu hadulu l-vettura minn wara l-bieb u li kienu qed ifittxuh il-Pulizija. In kontro ezami huwa kkonferma li qatt ma kien ghamel ir-rapport dwar is-serq tal-vettura ghaliex deherlu li kien inutli jaghmlu wara li ttiehdu dawn il-proceduri fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b' diversi imputazzjonijiet u cioe' li fl-1 ta' Marzu 2014 ghall-habta tas-2:30am f' Santa Venera saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAG 383 b' manjiera traskurata, perikoluza u bla kont, li saq tali vettura meta kellu l-licenzja tas-sewqan skwalifikata u ghalhekk minghajr ma kien kopert b' licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b' polza ta' assikurazzjoni, talli kkaguna hsara Involontarja fuq il-vettura FBL 245 ghad-detriment ta' Ryan Zarb u fuq il-faccata tad-dar tal-familja Zarb ghad-detriment ta' Grace Zarb, talli kiser il-provvedimenti mposti fuqu a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 permezz ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfronti tieghu fis-16 ta' Jannar, 2014. Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li l-imputat jigi trattat bhala recidiv taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Illi jibda sabiex jinghad li din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien il-persuna li fid-data, lok u hin indikati fic-charge sheet kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAG 383 meta baqa' diehel fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBL 245 u kkaguna hsara estensiva kemm f' din il-vettura li kienet parkeggjata kif ukoll fil-faccata tad-dar li quddiemha kienet parkeggjata. Dan jinghad principalment ghaliex l-imputat gie identifikat minn Grace Zarb, Ryan Zarb u Malcolm

Zarb meta dawn xehdu bil-gurament quddiem din il-Qorti halliex kien jafu di vizta peress li kien jahdem f' pompa tal-petrol f' Hal-Qormi minn fejn l-imputat gieli xtara l-petrol. Il-Qorti jidhrilha li l-identifikazzjoni maghmula mhux minn persuna wahda izda minn tlett persuni, kemm a tempo vergine meta tkellmu mal-Pulizija kif ukoll imbaghad meta xehdu bil-gurament quddiem din il-Qorti tista' titqies bhala prova li hija 'safe and satisfactory' li l-imputat kien qed isuq il-vettura CAG 383 li mill-provi rrizulta ukoll li kienet giet mibjugha lilu minn Kenneth Vella.

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova li l-imputat kien qed isuq tali vettura b' manjiera traskurata u perikoluza ghaliex huwa baqa' diehel f' vettura parkeggjata regolarment fit-triq u kkaguna hsarat estensivi mhux biss f' dik il-vettura izda addirittura fil-faccata tad-dar fejn din kienet parkeggjata.

Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat jirrizulta li huwa kien skwalifikat milli jzomm licenzja tas-sewqan. Del resto dan jirrizulta ukoll mill-kopji tas-sentenzi esebiti a fol 76 sa 83 minn fejn jirrizulta li fit-23 t' April, 2013 huwa gie skwalifikat milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena u li fis-16 ta' Jannar, 2014 huwa gie skwalifikat ghal zmien tminn (8) xhur. L-ewwel tliet imputazzjonijiet kif ukoll il-hames ghalhekk jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi in kwantu jirrigwarda r-raba' imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi akkuzat li kien qed isuq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b' polza ta' assikurazzjoni tas-sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni l-Qorti jidrilha li anki tali mputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Dan jinghad ghaliex il-Prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil David Debono[4] in rapprezentanza ta' Montaldo Insurance Agency Limited fejn dan ikkonferma li l-polza mahruga fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAG 383 ma kinitx valida fl-1 ta' Marzu, 2014 ghaliex kien sar bejgh tal-vettura minghajr ma' l-assikurazzjoni giet infurmata u inoltre l-persuna li kienet qed issuq tali vettura ma kelliex a 'valid driving licence' ghaliex il-licenzja tieghu kienet sospiza.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni kif ukoll l-addebitu tar-recidiva l-Prosekuzzjoni esebit is-sentenzi relattivi (a fol 74 sa 83 minn fen jirrizulta li fil-31 ta' Ottubru 2011 gie applikat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal zmien tlett snin u li fis-16 ta' Jannar, 2014 l-imputat inghata sentenza ta' piena karcerarja ta' 18 –il xahar prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' tlett snin. Fis-sentenzi msemmija hemm elenkat in-numru tal-karta tal-identita tal-imputat kif ukoll konnotati ohra tieghu li ma jhallu l-ebda dubju li dawn is-sentenzi inghataw fil-konfronti tal-imputat odjern.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li din mhux l-ewwel darba li huwa kkommetta reati bhal dawk li taghhom qed jinstab hati u fic-cirkostanzi jidhrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva flimkien ma' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan u ser tirrendi operattiva s-sentenza sospiza tas-16 ta' Jannar, 2014.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 59 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1)(2)(c) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta,

---

[4] Li xehed waqt l-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 2015

l-Artikoli 17, 31, 28A sa H, 49, 50 u 328(d) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 22 u 23 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erbatax (14) –il xahar prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena (1) millum. B' applikazzjoni tal-Artiklu 28B tal-Kodici Kriminali l-Qorti tirrendi operattiv il-perjodu ta' tmintax (18) –il xahar prigunerija impost minn din il-Qorti kif diversament presjeduta permezz ta' sentenza tas-16 ta' Jannar, 2014 sabiex b' hekk l-imputat ghandu jiskonta perjodu kumplessiv ta' 32 xahar prigunerija.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**
**Deputat Registratur**